# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imħallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.**

**Appell Numru 388/2016**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Maurice Curmi)**

**Vs**

**Aldo Muscat**

Seduta tat-30 ta' Lulju, 2020

**Il-Qorti**

Rat l-imputazzjoni u l-addebitu dedotti kontra Aldo Muscat detentur tal-karta tal-identita' numru 255872(M) quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar it-30 ta' Jannar 2015 għall-ħabta ta' bejn is-1:00 u t-03:15 hrs bħala l-persuna responsabbli mill-ġestjoni tal-istabbiliment bl-isem Ziggies Bar li jinsab fi Triq il-Kaħli, San Pawl il-Baħar haddem jew ġieghel jew ħalla lil min iħaddem loud speaker, gramaphone, amplifikatur jew strument bħal dawn, għamel jew inkella ġieghel

jew ħalla li jsiru ħsejjes daqshekk qawwija li jdejqu lid-detenturi jew lin-nies li jkunu joqogħdu fil-qrib cioe' lil Carmel Bonnici u lil Marthese Bridget McGregor; u aktar talli sar reċidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 u dan skont sentenza mogħtija lilek mill-Maġistrat Dr Charmaine Galea LL.D nhar it-13 ta' Marzu 2014.

Il-Qorti ntalbet sabiex f'każ ta' ħtija titratta mal-imputat bħala reċidiv u tħassar il-liċenzja jew tordna li l-liċenzja tal-imsemmi ħanut tiġi miżmuma għal dak iż-żmien li jidhrilha xieraq jew inkella tissospendi għal xi żmien fid-diskrezzjoni tagħha (Artikolu 320 tal-Kap 10, Art 20 tal-Kap 441).

Rat is-sentenza tal-14 ta' Lulju 2016 fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Aldo Muscat' mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali li biha sabet lil Aldo Muscat ħati tal-imputazzjoni dedotta kontrih u bħala reċidiv ai termini tal-artikolu 49 tal-Liġjiet ta' Malta w ikkundannatu għall-ħlas ta' multa ta' €200;

Rat l-appell ta' Aldo Muscat mressaq fir-registru ta' din il-Qorti fit-22 ta' Lulju 2016 li bih talab li titħassar, tkun revokata u annullata din is-sentenza u biex l-appellant ikun liberat minn kull ħtija u piena.

Rat l-aggravji tal-appellant;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

.

Ikkonsidrat:

1. L-appellant jillanja s-sentenza appellata bil-gravami tal-apprezzament hazin tal-provi u tal-ligi. L-aggravju dwar il-provi jirrikjedi ezami mill-gdid taghhom u wara li semghet lix-xhieda li kienu ddeponew quddiem l-ewwel Qorti issegwi sintesi tad-deposizzjoni taghhom;

2. Il-kwistjoni hawn devoluta originat minn ilment li ghamel Carmel Bonnici ghall-habta tat-03.15 am tat-30 ta' Jannar, 2015 dwar hsejjes allegatament gejjin mill-fond tal-imputat u konsistenti f'muzika qawwija kawza ta' liema ma setghax jistrieh. Is-Sur Bonnici xehed illi ghamel diversi rapporti ghaliex din kienet kwistjoni li tigri ta' kull jum. Jghid li din il-muzika hi provenjenti minn Ziggie's Bar gestit mill-imputat u tista' tinstema' mill-kamra tas-sodda tieghu. Ix-xhud jghix mas-siehba tieghu li gieli cemplitlu biex ibaxxi l-volum izda l-imputat jirraguna li ghandu permess biex idoqq. Dak in-nhar kien cempel lill-Pulizija darbtejn izda meta waslu ghandu il-muzika lahqet tbaxxiet u minkejja dan xorta wahda kienet tinstema';

3. Xehed ukoll l-Inginier Johan Aloiso, xhud *ex parte* prodott mill-imputat u qal li fis-sena 2012 kien inkarigat mill-appellant ghall-fini biex jillimita hsejjes tal-muzika biex ikun jista' jdoqq fuq gewwa. Kien irrakkomandalu xi *insulation* mal-hitan u *double doors* fuq quddiem u li jghalaq it-twieqi li kellu fuq wara;

4. Fil-lejl tal-ilment huwa ma kienx prezenti izda wara li kienu saru x-xogholijiet rakkomandati kien ghamel testijiet billi gholla sew il-volum tal-muzika hu stess u kejjel il-qawwa tal-hsejjes fejn irrizultalu 108 decibals fuq gewwa u 56 decibals fuq barra u fil-bitha;

5. Il-Qorti rat ukoll l-affidavit ta' PC 623 T. Camilleri li xehed li dakinhar kien ircieva telefonata fis-siegha ta' filghodu b'ilment dwar muzika gholja u iehor fit-tlieta u hmistax-il minuta. Fis-siegha ta'filghodu marru dritt ghand l-imputat u talbuh ibaxxi l-volum u obda mill-ewwel. Hu, flimkien ma' PC 188 L. Camilleri accedew ghand il-kwerelanti u mill-kamra tas-sodda setghu jisimgha muzika baxxa u damdim gej minn naha ta' wara il-hajt tal-kamra. Ghalhekk regghu accedew fil-hanut tal-imputat fejn, izda, ma kienx hemm hadd u ma kien hemm l-ebda muzika qed tindaqq u l-imputat kien qed jaghlaq il-hanut;

6. PC 188 Luke Camilleri qal li meta acceda fil-fond tal-kwerelanti seta' jisma' muzika baxxa gejja mid-direzzjoni taz-Ziggies Pub. Il-kwerelant allega maghhom li l-muzika kienet tinstemgha ukoll minn fuq il-bejt izda meta accedew hemmhekk il-muzika waqfet;

7. Rapprezentant tal-Malta Tourism Authority xehed illi l-imputat hu licenzjat biex jiggestixxi il-hanut bl-isem ta' Ziggies Pub li hu munit b'licenzja li jdoqq muzika amplifikata u ghandu estensjoni tal-licenzja biex jibqa' miftuh sal-erbgha ta' filghodu. Il-muzika tista' tindaqq sas-siegha ta' filghodu purche ma tkunx ta' disturb lill-girien;

8. L-ewwel Qorti kienet innominat espert tekniku biex jirrelata dwar il-livelli ta' hsejjes ta' muzika mill-fond tal-imputat u l-istess

Qorti kienet iddikjarat li r-rapport tal-espert kien wiehed inkonklussiv u dan ghaliex il-perit irrelata illi l-muzika tista' tkun ta' disturb ghan-nies dipendenti l-volum li bih tindaqq;

9. L-ewwel ragunament mressaq mill-appellant hu li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-ligi ghaliex din titkellem fuq hsejjes qawwija u la darba kien konstatat mill-Pulizija li l-muzika kienet baxxa allura ma jistghax jirrizulta l-element ta' "hsejjes qawwija" ravvizati fil-ligi. Il-kwistjoni odjerna tirrigwarda allegat ksur tal-artikolu 41(2) tal-Kapitolu 10 tal-ligijiet ta' Malta li jipprovdi hekk:

> **41(2) Hadd ma jista' –**
>
> **(a) fi triq, f'hanut, jew f'post pubbliku iehor, jew**
>
> **(b) f'kull bini iehor,**
>
> **Billi jhaddem jew igieghel jew ihalli lil min ihaddem loud *speaker,* grampfon, amplifikatur jew strument bhal dawn, jaghmel inkella jgieghel jew ihalli li jsiru hsejjes daqhekk qawwija li jdejqu lid-detenturi jew lin-nies li jkunu joqoghdu f'bini fil-qrib.**

10. L-argument tal-appellant huwa wiehed fierah. Dan ghaliex, il-muzika mismugha anke mill-Pulizija fil-hin ta' wara t-tlieta ta' filghodu, ghalkemm baxxa kienet tinkorpora element ta' bazi bizzejjed sabiex tkun deskritta bhala damdim. Ghalhekk kien sodisfacentement pruvat dak l-element tal-"hsejjes qawwija" ravvizati fil-ligi, liema hsejjes kienu qed idejqu lil-kwerelant;

11. L-appellant iressaq diversi argumenti ta' natura teknika li bihom jikritika s-sentenza tal-ewwel Qorti. Din il-Qorti ezaminat dawn l-argumenti kollha u hi tal-fehma illi l-ewwel Qorti kienet korretta meta strahet fuq id-deposizzjoni tal-kwerelant u dik taz-zewg ufficcjali tal-Pulizija. Dak li jsir wara mill-esperti teknici hu

sa certu punt inutili ghaliex l-ebda wiehed minnhom ma kien fuq il-post dak-inhar . Dak li jistghu jkunu ta' ghajnuna hu dwar jekk l-imputat kellux il-mezzi li jiggenera dak l-ammont ta' hsejjes u dan irrizulta fl-affermattiv;

12. Il-muzika lamentata gia rrizulta li kienet qed tindaqq wara l-hinijiet stipulati fil-licenzja. Wara li l-Puliizja ircevew telefonata fis-siegha ta' filghodu, meta allura l-imputat suppost li jkun wieqaf kwantu daqq ta' muzika, huma marru ghandu u ordnawlu jbaxxi l-muzika. Issa ghalhekk obda mill-ewwel, il-muzika baqghet ghaddejja u sakemm kienu hemm huma b'volum baxx. Meta regghu ircevew telefonata fit-tlieta u hmistax-il minuta ta' filghodu setghu jisimghu b'widnejhom stess li din kienet qed tindaqq anke jekk bvolum baxx. Fit-tlieta ta' filghodu, muzika baxxa akkumpanjata b'damdin certament ma tirrikjedi ebda perizja fil-livell sabiex ikun accertat jekk dik hix ta' inkonvenjent jew le;

13. L-argument tal-appellant li l-obbligu tal-buon vicinat jaqa' ukoll fuq il-kwerelanti ma ghandu l-ebda logika jekk b'dan irid ifisser li ghandu jissaporti muzika u damdim f'dawk il-hinijiet ta' mistrieh sabiex l-appellant ikun jista' jiggestixxi l-fond tieghu;

14. Illi ghalhekk din il-Qorti ma tara ebda raguni ghaliex ghandha tiddisturba il-konkluzzjoni raggunta mill-ewwel Qorti ghaliex hija legalment u ragjonevolment korretta;

15. Fit-tieni aggravju tieghu l-appellant jillanja illi l-ewwel Qorti ma setghetx tikkonkludi li jirrizulta l-addebitu tar-recidiva u dan ghaliex ma nġabitx prova konsistenti f'dokument awtentikat li jiccertifika li l-appellant instab hati ta' reat precedenti a tenur tal-Artikolu 49(2) tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta. L-atti processwali jakkludu vera kopja ta' sentenza tal-Qorti tal-

Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-13 ta' Marzu 2014 fejn kien misjub hati u kkundannat ta' tlett imputazzjonijiet u tal-addebitu ta' recidiva. Issa, fl-udjenza tas-27 t'April, 2015 meta allura kienet prezentata din il-kopja tas-sentenza, id-difiza vverbalizzat li l-mertu taghha kien suggett ta' appell li kien ghadu mhux appuntat ghas-smiegh. Mill-fedina penali tal-appellant jirrizulta li din is-sentenza kienet konfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali izda fil-mori tal-kawza quddiem l-ewwel Qorti. L-ewwel Qorti ma setghetx tikkonkludi li s-sentenza tat-13 ta' Marzu 2014 kienet konfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-14 ta' Jannar 2016 u dan ghaliex ma kien hemm ebda dokument awtentikat li jipprova dan kif jitlob l-artikolu 49 tal-Kodici Kriminali. L-appellant ghalhekk ghandu ragun f'dan l-aggravju. Minkejja dan, ma jidhirx li kien hemm xi konsiderazzjoni tal-addebitu li talvolta kellu xi effett fuq il-piena u għalhekk ma hemmx raġuni għall-bdil fil-piena. Konsegwentement ukoll ma hemmx htiega li tenoltra dwar it-tieni ragunament tal-appellant fejn jolqot l-addebitu ta' recediva;

16. Għal dawn il-motivi, tiddisponi minn dan l-appell billi tichad l-ewwel aggravju u tilqa t-tieni wiehed u konsegwentement tvarja s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn l-ewwel Qorti sabet lill-appellant hati tal-imputazzjoni dedotta kontra tieghu, thassarha f'dik il-parti li biha ddikjaratu recediv fit-termini tal-artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta u tikkonfermaha kwantu l-piena erogata.